FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Marzu, 2001**

**Numru 13**

**Avviz. numru 38/01JR**

**Practical Trading Co. Ltd.**

**vs**

**Emanuel sive Noel Bonnici**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Jannar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u sittin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm160.31) dovut bhala bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija lilhu mibjugha u kkonsenjata fuq ordni tieghu stess;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju, 2000, u bl-imghaxijiet.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Davina Sullivan ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni  tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici hija soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sittin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm160.31), bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Gunju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**